MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 391/2007

Kawza fil-lista: 35

**A B**
**vs**
**C D**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi l-kontendenti kienu nghaqdu fiz-zwieg nhar id-9 ta' Marzu tas-sena 1996 fil-Knisja ta' San Bastjan, Qormi (Dok. A);

2. Illi minn dan iz-zwieg il-kontendenti ghandhom tewmin;

3. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat b' difett serju ta' diskrezzjoni tal-gudizzju fuq il-hajja mizzewga, u fuq id-drittijeit u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b' anomalija psikologika serja li ghamlitha impossibli ghall-partijiet li jaqdu l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1d) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. Illi l-kunsens tal-partijiet kien vizzjat minhabba l-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu jew ta' wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga u tad-dritt ghall-att taz-zwieg u dan ai termini tal-artikolu 19(1f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta.

5. Illi minhabba dawn ir-ragunijiet kif ukoll ragunijiet ohra kontemplati fl-Att XXXVII tal-1975 li jirregola z-zwigijiet, iz-zwieg bejn il-kontendenti kien null u bla effett fil-ligi;

Ghaldaqstant l-attrici titlob bir-rispett illi dina l-Onorabbli Qorti ghandha ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg kuntrattat bejn il-kontendenti fid-9 ta' Marzu, 1996 huwa null u bla effett fil-ligi ai termini tal-artikoli 19(1d) u 19(1f) tal-Kap. 255 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tordna li din in-nullita' tigi registrata fuq l-att taz-zwieg relattiv fuq indikat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut li minn issa qed jigi ngunt personalment biex jidher ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha l-konvenut irrisponda li huwa jaqbel li z-zwieg taghhom huwa null, izda mhux ghar-ragunijiet attribwiti lilu, imma lill-rikorrenti fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta' l-artikolu precitat ; wkoll li hu m' ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza ;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Semghet ix-xhieda bil-gurament ;

Ikkunsidrat;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li z-zwieg kuntrattat minnha mal-konvenut fid-9 ta’ Marzu 1996 huwa null fil-ligi, stante li l-kunsens matrimonjali tal-partijiet kien vizzjat fit-termini tal-paragrafi [d] u [f] ta’ l-artikolu 19[1] tal-Kap.255 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn naha tieghu l-konvenut jattribwixxi dawn il-capita nullitatis unikament lill-attrici.

**Il-Fatti**
Il-Qorti semghet liz-zewg partijiet jiddeponu, u anke xi xhieda prodotti minnhom.

Illi mill-provi jirrizulta li l-partijiet izzewwgu fit-9 ta’ Marzu 1996 meta allura l-attrici kellha 20 sena u l-konvenut kellu 26 sena, u wara li kienu ilhom johorgu flimkien circa seba’ [7] snin. Minn dan iz-zwieg twieldu tewmin fis-27 ta’ Dicembru 2000. Wara konvivenza matrimonjali ta’ circa sitt snin, l-attrici telqet bit-tfal mid-dar, u fil-15 ta’ Settembru 2003 il-partijiet iffirmaw kuntratt ta’ separazzjoni personali. Fil-prezent l-attrici qeda tghix ma’ ragel iehor bit-tfal komuni tal-partijiet. Rigward il-konvenut ma jirrizultax li dan ghandu relazzjoni.

*Verzjoni Attrici*
L-attrici tghid li, sa minn qabel iz-zwieg, il-konvenut kien xhih “hafna” u li hi kellha l-inkwiet mal-familjari tieghu peress li, skond hi, dawn ma kienux ferhanin biha, ghax kienu jippretendi li din tmur tghin fl-ghelieqi taghhom. Hija tispjega, li nonostante li kien hemm affarijiet li kienu jdejjquha, fosthom il-problemi mal-familjari tieghu, u nonostante li l-partijiet kienu jiggieldu ta’ spiss, hija xorta wahda ddecidiet li tkompli bir-relazzjoni u tizzewweg lill-konvenut ghax kienet tal-fehema li maz-zwieg l-affarijiet kienu ser jitrangaw.

Tghid li ghall-ewwel sentejn taz-zwieg, il-partijiet kienu marru joqghodu ma’ omm l-attrici. Wara l-ewwel tlett xhur

l-attrici ndunat li l-konvenut kien qed jimmasturba quddiem it-tieqa li tati ghat-tieqa tal-kamra t' ohtha meta dina kienet qeda tbiddel. Dak il-hin l-attrici kienet attaparsi rieda fis-sodda fil-kamra taghhom, u kif indunat b' dan, ghamlet xenata, u riedet anke tissepara minn mieghu, izda wara l-intervent ta' qassis, hija bidlet il-fehema, u rrangaw l-affarijiet. Sussegwentement saret taf minn ohtha u minn ommha li din ma kienitx l-ewwel darba li l-konvenut kien jissindikahom meta kienu jkunu fil-kamra tal-banju, jew hergin minnha, u dan fuq bazi ripetuta, izda lill-attrici ma kienux qalulha b' dan, ghalkemm ommha kienet f' okkazzjoni minnhom qabditu fil-fatt u rrabbjat mieghu.

Tghid li zewgha kien ghajjur ghaliha u kien jissuspetta fl-irgiel li kienet tahdem maghhom fuq il-post tax-xoghol taghha. Eventwalment hija telqet minn hemm, u fethet hanut ta' beautician u sussegwentement iehor tal-hwejjeg.

L-attrici tilmenta mill-fatt li l-konvenut ma kienx jaghti kazha, u wara x-xoghol kien iqatta' hafna hin fl-ghelieqi tal-familja tieghu, u jigi tard filghaxija. Tghid li n-nies tal-post tax-xoghol tieghu kienu jghidulha li hu kien qed ikun fil-kumpanija ta' certu persuna tas-sess femminili. Sussegwentement beda jixrob hafna, u meta kien jigi d-dar kien ikun vjolenti maghha, u kien ukoll ammetta maghha li kien imur mal-prostituti.

Sa dan iz-zmien ma kienx ghad kellhom tfal, ghalkemm kienu pprovaw. Sussegwentement wara trattament mediku l-partijiet kellhom tewmin fis-27 ta' Dicembru 2000, wara konvivenza matrimonjali ta' ftit aktar minn erba' [4] snin.

L-attrici tilmenta li x-xoghol tat-trobbija tat-tfal kien waqa' kollu fuqha, minkejja li hi kienet tahdem, u li l-konvenut ma kienx imid idejh, anzi kien igieghlha ssajjar ukoll ghal habiba tieghu Karen Camilleri li, wara li kellha incident tat-traffiku, kien irnexxielha jkollha tewmin, izda kienet debboli hafna. Hija tghid li konvenut kellu relazzjoni ma' din il-persuna, u li minnha ghandu tewmin.

Tghid li lejn l-ahhar tal-konvivenza "beda gej hafna swat"[1].

Anna B, omm l-attrici, tghid li l-partijiet kienu dejjem jiggieldu, kif ukoll it-tnemmis da parti tal-konvenut, fuqha u fuq Olivienne Briffa, oht l-attrici, fis-sentejn li l-partijiet kienu jghixu fid-dar taghha. L-istess fatt jinsab konfermat minn din Olivienne Briffa li f' okkazzjoni minnhom kienet qabditu jimmasturba waqt li ommha kienet qeda tbiddel. Din tghid li dan il-komportament kontinwu tal-konvenut kien beda mill-bidu taz-zwieg, u rajtu "kemm-il darba; kienet ta' kuljum"[2]. Izda, ghalkemm l-attrici u ommha qalu li l-konvenut kien ittanta lil Olivienne, u l-attrici qalet li hu "ipprova anke jmiss lil ohti jigifieri kemm-il darba", din minn naha taghha, fix-xhieda taghha stqarret il-kuntrarju.[3] L-istess Olivienne Briffa kompliet tghid li meta darba kienet qed tnaddaf fid-dar taghhom, "sabet fuq il-komodina"[4] tal-kamra tas-sodda taghhom kotba pornografici.

*Verzjoni Konvenut*

Illi l-konvenut jghid li l-problemi serji li wasslu ghat-tifrik taz-zwieg bdew wara li l-partijiet kellhom it-tewmin. Meta dawn kienu ser jghalqu sena, u allura fis-sena 2001, il-partijiet kienu ghamlu hbieb ma' koppja mizzewwga, bir-rizultat li l-attrici qabdet relazzjoni mar-ragel u f' Ottubru 2001 telqet, bit-tfal, minn dar konjugali u marret tghix mieghu go flat Bugibba. Illum-il gurnata l-attrici qeda f' relazzjoni stabbli ma' ragel iehor.

Il-konvenut jispjega li matul il-konvivenza matrimonjali huma kienu jargumentaw fuq zewg affarijiet. Fuq il-fatt li l-attrici, li fiz-zmien li kienet ghadha impjegata, kienet darba fil-gimgha tmur tiekol barra mal-hbieb tax-xoghol taghha, u ghalhekk kienet tohrog mid-dar f' xi 9.00pm u tirritorna fis-sieghat bikrin ta' filghodu. Kien jaghddi ghaliha, u jwassalha lura, dejjem l-istess kollega tax-xoghol. Dan il-fatt kien idejjqu hafna lill-konvenut, izda l-attrici kienet

---

[1] Fol.79
[2] Fol.90
[3] Vide fol.58, 72 u 89
[4] Fol.98

twebbes rasha u kienet tmur xorta wahda. Il-fatt l-iehor li fuqu l-partijiet kienu jillitigaw kontinwament kien rizultat ta' l-inabilita' li jkollhom tfal, nonostante l-isforzi taghhom. L-attrici kienet twahhal kontinwament fil-konvenut, tant, li fl-ahhar dan kellu jaghmel sperm-test minn fejn irrizulta li ma kien hemm xejn hazin minn naha tieghu. Eventwalment bl-ghajnuna medika l-attrici kienet harget tqila, u fis-27 ta' Dicembru 2000 welldet tewmin.

Il-konvenut jilmenta mill-fatt li kien kwazi dejjem hu li kien javvicna lill-attrici ghar-relazzjonijiet intimi, u din ta' sikwit kienet tirrifjutah taht pretest jew iehor, jew kienet taderixxi b' nofs qalb. Wara t-twelid tat-tfal dawn ir-relazzjonijiet nqqasu hafna, u l-konvenuta kienet tkun riluttanti hafna, tant li kienu waqfu ghal kollox.

Huwa jichad li kien xhih ma' l-attrici, u jghid li l-partijiet kienu jpoggu l-pagi jew l-introjtu taghhom f' kont bankarju amministrat minnha, tenut kont li l-attrici hi bniedma ta' l-iskola u wkoll tinqala' ghan-negozju, tant, li wara li temmet l-impieg taghha, hija kienet fethet hanut ta' beautician u sussegwentement iehor tal-hwejjeg. Hija pero' kienet tgerger mieghu peress li hu, fix-xoghol tieghu ta' gardinar, kien jahdem hafna u jaqla' ftit. Hu jispjega li kien bniedem habrieki hafna, tant, li d-dar konjugali kien bniha hu, u l-flus kienu jmorru principalment fil-kostruzzjoni tad-dar; "il-flus li kien ikollna konna ninvestuhom fid-dar. Kien ikun hemm mumenti li [konna] nkunu naqra broke, haga normali."5

Jghid li, filwaqt li hu kien jahdem hafna, liema fatt jinsab konfermat anke minn omm l-attrici[6], il-facendi tad-dar kien principalment jaghmilhom hu, ghax l-attrici kienet ghazziena u kienet tiddependi wisq fuq ommha, tant, li kwotidjanament kienu jmorru jieklu ghand ommha, imbaghad jirritornaw id-dar taghhom.

Huwa jichad li qatt kellu relazzjoni ma' mara ohra, u jichad specifikatament li kellu relazzjoni ma' Karen Camilleri, u li

[5] Fol.151
[6] Fol.131 "Ma kienx wiehed ghazzien ghax-xoghol."

kellu tewmin minnha. Dawn l-akkuzi saru minn naha ta' l-attrici, li kienet tghid dan "ma kulhadd", tant, li din l-istess persuna kienet ghamlet it-testijiet tad-DNA minn fejn irrizulta li t-tlett-it tfal taghha kienu minn ta' zewg irgiel ohra u mhux minn tal-konvenut. Din Karen Camilleri spjegat fid-dettal ir-relazzjoni ta' hbiberija li kienet tezisti bejnha u bejn il-partijiet bhala koppja, u kien hemm zmien meta l-konvenut kien jghinha peress li kienet go wheelchair rizultat ta' incident tat-traffiku.

Rigward il-kotba pronografu li oht l-attrici kienet sabet fuq il-komodina fil-kamra tas-sodda tal-partijiet, il-konvenut jispjega li dawn kienu xtrawhom hu u martu, u kienu jarawhom flimkien. Inoltre, jichad bil-qawwa kollha dak allegat fil-konfront tieghu, li hu kien inemmes meta oht l-attrici u ommha kienu qed ibiddlu jew jorhorgu mill-kamra tal-banju. Hu jghid: "jien jekk kont inkun id-dar, u jkunu mqacctin, jekk inhares, hemm differenza milli thares ghal li tittanta."7 Jghid li hu ma kellux ghalfejn joqghod jinemmes.

Il-konvenut jichad li kien ikun xurban, jew li qatt ttanta lil Olivienne Briffa, jew li kien imur mal-prostituti, u jirrileva, li, ghalkemm huwa kien ta x-xhieda tieghu qabel l-attrici, din "ma cahdet xejn minn dak kollu li jiena xhedt fix-xhieda tieghi, liema nformazzjoni kellha fil-pussess taghha".8

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Illi l-kawzali li fuqhom l-attrici qeda specifikatament tibbaza t-talba taghha jinkwadraw fid-dispost tal-paragrafu [d] fl-intier tieghu, u tal-paragrafu [f] ta' l-artikoli precitat. Il-konvenut minn naha tieghu jattribwixxi dawn il-capita nullitatis lill-attrici.

Jigi osservat in materja ta' annullament taz-zwieg, li l-mument relevanti huwa dak tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali tal-partijiet, u l-provi antecedenti u dawk sussegwenti ghandhom relevanza biss jekk jitfghu dawl fuq il-forma mentis jew id-dispozizzjoni mentali tal-partijiet,

---

[7] Fol.142
[8] Fol.104

jew ta’ xi hadd minnhom, f’ dak il-mument. Dan qed jigi precizat mill-ewwel, ghax il-Qorti thoss li f’ dan il-kaz, ghalkemm jirrizultaw cirkostanzi li legalment isostnu talba ghas separazzjoni personali, izda ma jirrizultawx fatti li jikkostitwixxu l-estremi ta’ l-annullament fit-termini tal-paragrafi fuq indikati.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jiddeponu, u thoss li ghandha taghti aktar affidament lill-verzjoni tal-fatti kif moghtija mill-konvenut, milli kif moghtija mill-attrici u membri tal-familja taghha.

Illi mill-provi jirrizulta li, fl-ewwel sentejn tal-konvivenza matrimonjali, il-partijiet kienu rriskontraw problemi derivanti principalment mill-fatt li l-partijiet ma kienx irnexxielhom f’ dak l-istadju li jkollhom tfal. Dan kien sors ta’ dwejjaq ghall-attrici li kienet tatriwibixxi t-tort lill-konvenut, bir-rizultat li l-partijiet kienu jitlewmu bejniethom kontinwament. Apparti minnhekk, kienu jillitigaw wkoll minhabba l-fatt li din kienet baqet tohrog ma shabha tax-xoghol, nonostante li l-konvenut kien juriha li ma kienx jiehu gost b’dan.

L-attrici, flimkien ma’ ohta Olivienne u ommha, jakkuzaw lill-konvenut li fis-sentejn li huma kienu joqghodu fl-istess dar, dana kien inemmishom, billi jittawwal mit-tieqa ghal gol kmamar taghhom u anke jistennihom johorgu mill-kamra tal-banju. Il-konvenut minn naha tieghu jichad li hu kien jaghmel hekk apposta, izda jghid li kien ihares meta kien jinzertahom libsin imqacctin.

In propozitu l-Qorti thoss opportun tosserva li f’dan ir-rigward, kemm l-attrici kif ukoll ommha u ohtha, ipprovaw ipingu lill-konvenut bhala xi mostru ffissat li jarahom bl-ilbies ta’ taht, tipo li kien jkkomporta ruhhu bil-mod tal-Pink Panther jistahba wara l-kolonni, biex jara lil oht l-attrici u lil ommha nofshom imnezzghin. Il-Qorti ma teskludix li, meta l-konvenut kien jinzertahom hekk, huwa kien ihares, imma d-domandi li jimponu ruhhom f’ dan ir-rigward huma: jekk huwa minnu li kif xehedet Olivienne Briffa,

dawn l-affarijiet kienu “ta’ kuljum”9 u li jekk, kif xehedet l-istess xhud fuq ommha li dawn l-affarijiet “ma kien xejn gdid ghaliha [ommha]”10, u jekk huwa minnu li kif xehedet l-istess ommha “ma nistghux niccaqalqu konna biha.”11, allura ma kienx jispetta lilhom li, in konformita’ mar-regoli tad-dicenza, li qabel ma jkunu ser jinzghu l-hwejjeg jaghlqu t-twieqi u jgerru l-purtiera ? ; jew qabel ma jkunu ser johrogu mill-kamra tal-banju jilbsu xi haga biex jaghttu lilhom nfushom, bhal per ezempju, bath-robe ? Ma hassewx dawn, li, minflokk jissaportu [sic] dan il-komportament tal-konvenut ghal sentejn shah !, u jilmentaw dwaru, huma setghu facilment jinnewtralizzawh b’ naqra aktar attenzjoni ? Wara kollox minn ikun ser jinza’ jew johrog mill-kamra tal-banju bil-hwejjeg ta’ taht ghandu jassigura li dan jista’ jaghmlu minghajr ir-riskju li jitfacca xi hadd? Il-Qorti taghmel car li, jekk hu minnu dak allegat mill-attrici in propozitu, il-komportament tal-konvenut huwa skorrett, imma minn naha l-ohra dawn iz-zewg xhieda kellhom mezz facli u konformi mar-regoli tad-dicenza u mas-sens komun li permezz tieghu jipprevjenu li l-konvenut jarahom bil-hwejjeg ta’ taht.

Illi rigward il-vjolenza, l-attrici tghid li dan kien lejn l-ahhar tal-konvivenza matrimonjali, u allura ftit li xejn ghandu relevanza ghall-finijiet ta’ l-ezami odjern. Dan hu konfermat mill-fatt li hadd mix-xhieda ta’ l-attrici ma semmew li l-konvenut kien isawwat lill-attrici, jew kienu raw xi griehi jew tbengil fuqha.

Ferm il-premess il-Qorti tosserva li mill-provi ma jirrizultax li, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, il-konvenut jew l-attrici, kienu affetti minn difett serju ta’ diskrezzjoni ta’ gudizzju fuq id-drittijiet jew dmirijiet tal-hajja mizzewwga, jew li ma kellhomx certu dixxerniment ta’ l-import tal-hajja konjugali. Huma kienu jafu li meta jizzewwgu kellhom l-obbligu li jghixu flimkien f’ unjoni diretta lejn il-prokreazzjoni u t-trobbija ta’ l-ulied. Di fatti dawn ghexu fl-imkien ghal circa sitt snin, li matulhom kienu pprovaw b’ mod naturali sabiex ikollhom it-tfal fi

9 Fol.99
10 Fol.99
11 Fol.120

zwieg, u eventwalment irnexxielhom b' intervent mediku li jkollhom tewmin. Il-Qorti tosserva li l-fatt li l-partijiiet baqghu jipprovaw ghat-tfal ghal erba' snin wara z-zwieg, huwa evidenza tal-fatt li, ghalkemm kellhom il-problemi taghhom, dawn ma kienux tali li jwarrbu d-decizjoni li jkollhom tfal fiz-zwieg, u ghalhekk, l-obbligu tal-prokreazzjoni u trobbija ta' l-ulied.

Il-provi juru li fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, iz-zewg partijiet riedu, u kienu kapaci li jassumu, l-obbligi tal-hajja konjugali, cioe' dak tal-konvivenza, dak tal-prokreazzjoni u tat-trobbija tat-tfal, u li jghixu f' unjoni permanenti u eskluziva, diretta lejn il-benessere reciproku. Sfortunatament, pero', wara konvivenza ta' sitt snin l-attrici, telqet mid-dar konjugali u marret tghix ma' terz ; izda dan ma jikkostitwix bazi legali valida ghall-annullament fuq il-kawzali proposti.

Illi inoltre ma rrizultax li xi parti kienet affetta minn anomalija psikologika serja li ghamlitha ghaliha mpossibbli li taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg.

Illi l-istess japplika ghall-kawzali bazata fuq id-dispost tal-paragrafu [f], ghax mill-provi ma jirrizultax li, il-partijiet jew xi hadd minnhom, fl-ghoti tal-kunsens matrimonjali, u b' att pozittiv tal-volonta taghhom eskluda, xi obbligu essenzjali ghall-hajja konjugali.  Jigi osservat in propozitu, li, anke jekk il-konvenut verament kien inemmes fuq oht l-attrici u fuq ommha kif rakkontat minnhom u jaghmel atti oxxeni wahdu, dan il-fatt, ghalkemm moralment skorrett, ma jikkostitwix vjolazzjoni ta' l-obbligu tal-fedelta' fiz-zwieg ; bl-istess mod, il-fatt li l-partijiet[12] kienu jaraw materjal pornografu fiz-zwieg, ghalkemm moralment skorrett, ma jirrendihomx adulteri ;  u, ghalhekk, anke jekk huwa minnu li l-konvenut ftit taz-zmien wara l-ghoti tal-kunsens matrimonjali tieghu, kien jinterferixxi mieghu nnifsu anke bl-uzu ta' materjal pornografiku, u ma deherx li kien  ser jiddezisti minn dan il-komportament, xorta wahda l-

[12] Jigi osservat in propozitu, u a skans ta' ekwivoci, li gjaladarba l-kotba pornografici kienu fuq il-komodina fil-kamra tas-sodda tal-koppja, allura hija necessarja l-konkluzjoni li l-attrici kienet konxja taghhom u li kienu jarawhom flimkien;  u ghalhekk il-verzjoni tal-konvenut f' dan ir-rigward hija probabbli u verosimili

kunsens matrimonjali tieghu ma jistghax jitqies vizzjat fit-termini tal-paragrafu in dizamina;  multo magis f’ dan il-kaz, fejn jirrizulta li l-partijiet kellhom relazzjonijiet intimi normali meta kienu jipprovaw ghat-tfal, u di piu’ dawn kienu kwazi dejjem fuq avvanzi ta’ l-attur. Dan juri li dak li kien jaghmel il-konvenut wahdu, ma kienx ta’ detriment ghar-relazzjonijiet intimi ta’ bejniethom.

Dan premess u kkunsdrat il-Qorti hija tal-fehema li l-attrici ma rnexxielhiex tipprova li z-zwieg taghha mal-konvenut huwa null fil-ligi, la in bazi ghal-*capita nullitatis* specifikatament indikati minnha, u lanqas ghal xi wahda mill-capita nullitatis kontemplat fil-Kap.255.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tichad it-talba attrici. L-ispejjez kollha jibqghu a kariku ta’ l-istess attrici.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------